MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

**It-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa b'urġenza.

Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li s-Sur Gianluca Falzon kien jinsab indispost minħabba li kien qiegħed xogħol.

**20.1** Ftehim Addizzjonali – Proġett tal-Palazz l-Aħmar

Is-Sindku informa lill-membri li kienet saret il-laqgħa fuq il-proġett tal-Palazz l-Aħmar fejn preżenti għal din l-istess laqgħa kien hemm hu, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Kunsill, l-Avukat, is-Sur Schillaci il-Kuntrattur flimkien mas-Sur Steve Said li ddeskriva lilu nniffsu bħala x-shareholder ġdid fil-Kumpanja Tekne Renda.

Is-Sindku qal li min-naħa tal-Kuntrattur ingħatat spjegazzjoni fuq liema bażi dan il-proġett għadu ma tlestiex fejn fosthom kien rimarkat li fl-aħħar xhur is-saħħa tas-Sur Schillaci ma kienitx tajba fejn anku kien hemm perjodu twil li dan kien rikoverat l-isptar u minħabba l-fatt li uħud mill-ħaddiema kienu barranin u fiż-żmien tal-COVID dawn kienu marru lura pajjiżhom. Is-Sindku irrimarka li waqt din l-istess laqgħa l-Kunsill informa lill-Kuntrattur li huma ma kienux qed jimxu mal-pjan li kien preżentat u għaldaqstant kien hemm multi dovuti lill-Kunsill minħabba ksur fil-ftehim hekk kif inhu stipulat fit-tender.

Is-Sindku qal li wara diskussjoni mal-Kuntrattur ġiet ssuġġerit sabiex ix-xogħol jitlesta sa mhux aktar tard mill-15 t'Ottubru 2020 fejn jekk dan ma jitlestiex ser ikunu imponuti l-multi kollha mid-data fejn fiha kienet inħarġet l-ittra uffiċċjali.

Apparti minnhekk sar ftehim sabiex ikun iffirmat *agreement* biex b'hekk dak li inghad waqt din il-laqgħa ikun maqbul bejn iż-żewġ partijiet.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda it-tali ftehim (Anness 1) fejn dan kien diskuss bejn il-membri tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm xi tibdil liema emendi kienu ser jintbgħatu lill-Avukat sabiex ikunu riveduti.

Il-Membri qablu unanimament ma dan il-ftehim hekk kif ġie emendat.

Fis-7:25pm, is-Sindku aġġorna il-laqgħa sine die.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Michael Mifsud<br>DeputatSegretarju Eżekuttiv |

Konfermati, illum 3 t' Awwissu, 2020